

Brussell, 31 ta' Jannar 2019  
(OR. en)

5851/19

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2016/0084(COD)  
2016/0392(COD)  
2018/0082(COD)

---

AGRI 43  
AGRILEG 22  
CHIMIE 13  
CONSUM 32  
ENT 21  
ENV 87  
IND 24  
MI 73  
WTO 29  
CODEC 229

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: **Kunsill "Agrikoltura u Sajd", 17-18 ta' Diċembru 2018**

Punt fl-aġenda 6 f):

Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

i) Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti

ii) Regolament dwar ix-xorb spirituoż

iii) Regolament dwar il-fertilizzanti

*Informazzjoni mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali*

*Traskrizzjoni tal-informazzjoni bil-fomm mogħtija mill-Presidenza*

---

Id-delegazzjonijiet isibu anness it-traskrizzjoni tal-informazzjoni bil-fomm mogħtija mill-Presidenza fil-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tas-17-18 ta' Diċembru 2018, taħt il-punt fl-aġenda 6 f).

Issa nixtieq ninfurmakom dwar is-sitwazzjoni attwali rigward il-ħidma leġislattiva li mexxejna 'l quddiem waqt il-Prezidenza tagħna li iżda mhijiex fuq l-aġenda tal-lum tal-Kunsill bħala punti għad-diskussjoni.

L-ewwel nett, rigward id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel, komplejna fuq il-ħidma siewja tal-Prezidenza Bulgara u mexxejna l-fajl 'il quddiem kemm stajna.

Wara ħames laqgħat fil-livell ta' trilogu u konsultazzjonijiet intensivi mad-delegazzjonijiet, irnexxielna nsibu ftehim għall-maġġoranza tal-kwistjonijiet, għalkemm ma ntlaħaq l-ebda ftehim politiku dwar it-test kollu. Dan il-progress kien possibbli bis-saħħa tal-isforzi li għamiltu taħt pressjoni ta' ħin estrema. Nixtieq niringrazzjakom u niringrazzja wkoll lill-Kummissjoni għall-appoġġ. Sabiex isir tentattiv ieħor għal ftehim, ippjanajna trilogu addizzjonali għad-19 ta' Diċembru. Peress li jien ottimista, nispera li nilħqu ftehim. Jekk le, il-fajl ser jingħata lill-Prezidenza Rumena li jmiss u tassew nispera li daqt jintlaħaq ftehim politiku s-sena d-dieħla, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din id-Direttiva tant mistennija u jtejbu l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista tal-ikel.

Sussegwentement, rigward ix-Xarbiet Spiritużi, li huwa fajl tekniku ħafna iżda politiku wkoll, ninsabu kuntenti li ninfurmakom li ntlaħaq ftehim mal-Parlament.

Abbażi ta' dan, il-ġimgħa li għaddiet bgħatna l-ittra ta' offerta lill-Parlament u l-proċedura għar-reviżjoni tat-test mill-ġuristi-lingwisti setgħet tibda.

Barra minn hekk, il-proċedura għan-notifika tat-test miftiehem b'mod proviżorju lid-WTO f'konformità mal-Artikolu 2.9.2 tal-Ftehim taċ-Ċiklu tal-Urugwaj dwar Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ tnedja wkoll mis-Servizzi tal-Kummissjoni.

Jekk kollox imur sew - u ninsab fiduċjuża li l-Prezidenza Rumena ser tagħmel l-isforzi kollha għal dan il-għan - ir-Regolament il-ġdid jista' jidħol fis-seħħ fir-rebbiegħa li jmiss.

Nixtieq nirrikonoxxi l-ħidma kbira li nvestew f'dan il-fajl il-presidenzi kollha ta' qabilna u l-Istati Membri kollha, inkluż l-esperti tagħhom: l-isforzi tagħkom minn Diċembru 2016 'l hawn kienu essenzjali biex jintlaħaq il-ftehim proviżorju. Ninsab ukoll konxja tar-rwol ewlieni tal-Kummissjoni biex tiffaċilita n-negozjati. Grazie.

Fl-aħħar nett, dwar ir-Regolament dwar il-fertilizzanti, il-Presidenza tista' tinfirmakom li wara aktar minn 30 xahar ta' negozjati lħaqna ftehim dwar dan il-fajl importanti. It-trilogu finali mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew sar fl-20 ta' Novembru, u ġie segwit minn laqgħa teknika finali fis-27 ta' Novembru.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test ta' kompromess fit-12 ta' Diċembru u l-ittra lill-PE ntbagħtet. Dan huwa kompromess ibbilanċjat li fih ċertu grad ta' diżappunt għal dawk b'aġenda aktar evidenti favur l-ekonomija ċirkolari u l-ambjent, iżda huwa tiġib ċar fir-rigward tas-sistema attwali. Bil-kollegi madwar il-mejda, nixtieq nieħu l-opportunità biex niringrazzja lill-Presidenzi preċedenti li nnegozjaw fil-Kunsill jew aktar tard bejn l-istituzzjonijiet, jiġifieri n-Netherlands, is-Slovakkja, Malta, l-Estonja u l-Bulgarija.

Id-data l-aktar probabbli tal-adozzjoni finali wara r-reviżjoni tal-ġuristi-lingwisti hija Marzu 2019, u l-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet sostantivi konsegwentement isiru applikabbli fl-2022.

Nixtieq niringrazzjakom il-koll għall-kooperazzjoni eċċellenti tagħkom biex din il-ħidma legiſlattiva mxiet 'il quddiem waqt il-Presidenza tagħna u, ninsab ċerta li din il-kooperazzjoni ser tiġi estiża wkoll għall-Presidenza li jmiss.